MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2011

Numru. 108/2003

**IL-PULIZIJA**

**KONTRA**

**ANTHONY CALLEJA ta’ 56 sena, iben Joseph u Pauline nee’ Camilleri, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-02.01.1955, residenti fil-fond Marony, Triq il-Kappillan Mifsud, Hamrun, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 81555M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Anthony Calleja** li gie akkuzat talli nhar l-14 ta’ Gunju. 2001, ghall-habta tal-4.30 ta’ fil-ghodu, fl-Isptar Monte Carmeli, Attard:

1. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis

tar-regolamenti, ikkaguna l-mewt ta’ Richard Schembri minn Birkirkara;

2. U aktar talli halef falz quddiem il-Magistrat Dr Giovanni Grixti LL.D wara li huwa gie moghti gurament.

Li fi stadju ta’ interrogatorju, l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta’ l-akkuzi hekk kif deodtti fil-konfront tieghu;

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali (folio 201), taht liema hemm mahsub li tista’ tinstab htija, u cioe’:

a. Fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali;
b. Fl-Artikoli 108 u 141 tal-Kodici Kriminali;
c. Fl-Artikoli 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji (folio 199).

Semghet u rat il-provi kollha.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi hawn si tratta ta’ mewt b’suwicidju ta’ pazjent gewwa Monte Carmeli, certu Richard Schembri li kien taht dak li tissejjah Supervizjoni Level One, minnha nkarigat in-nurse l-imputat Anthony Calleja. Ghalhekk xehed certu Gaetano Gusman, nursing manager gewwa Monte Carmeli, li qal illi l-imputat kien enrolled nurse, part-time basis, fir-releaving pool ta’ Monte Carmeli.

Issa f’dawn il-proceduri xehdu diversi nurses, kollegi ta’ l-imputat, pero xhud saljenti u li xehed fit-tul kien Dr Joseph Spiteri. Ghandu jinghad ukoll, qabel ma ssir sintesi tax-xhieda ta’ Dr Joseph Spiteri, illi jigi wkoll riprodott dak li qalu fl-Inkjesta u f’dawn il-proceduri, il-Patologisti Profs Marie T Camilleri u Dr Bridgette Ellul, u l-Espert Forensiku Dr Mario Scerri.

Il-Patologisti fir-relazzjoni taghhom ikkonkludew illi Richard Schembri kien fil-fatt miet kagun ta’ asphyxia by hanging.

Dr Mario Scerri minn naha tieghu kkonkluda li fuq il-kadavru ta’ Richard Schembri, apparti li kkonstata suspension point fuq l-aspett posterjuri tal-ghonq, sab ukoll abrazjoni fuq l-aspett laterali tal-parti t’isfel ta’ l-id ix-xellugija, abrazjoni li ma kinitx friska, anzi kellha circa tlitt gimghat u anke kienet saret bi strument li jaqta’. Dr Scerri ddeskriva din il-ferita bhala tentative suicide marks li jsir minn nies imdejqin li ma jsibux aktar ghajnuna, u dawn l-abrazjonijiet huma want of attention, cry for help (folio 147, Inkjesta). Ghalhekk ikkonkluda Dr Mario Scerri li Richard Schembri kien ikkommetta suwicidju.

Minn naha tieghu Dr Joseph Spiteri xehed illi Richard Schembri kien pazjent tieghu, dan ghaliex l-istess Schembri kien ghamel attentat ta’ suwicidju. Spjega li fuq il-medical notes ta’ Richard Schembri kien jirrizulta li dan kellu storja ta’ depression u anke li kien ghamel hsara lilu nnifsu darbtejn qabel. Kien hu fil-fatt li qieghed dan il-pazjent fuq ‘constant watch’, cioe’ qieghdu fl-Level One. Dan kien ifisser illi n-nurse kellu jzomm lill-pazjent ‘at arms’ length’.

In kontro ezami Dr Joseph Spiteri qal illi meta hu ra lill-pazjent dan kellu feeling of worthlessness u hopelessness, anke li kellu suicidal thoughts, tant illi ried anke jikkonvertieh ghal Observation Order taht il-Mental Health Act. Dan qal ukoll li meta bniedem jiddeciedi li jaghmel suwicidju meta jkun hemm external factors jinfluwenzawh, ma tantx tista’ zzommu.

Ittella’ jixhed ukoll mill-Prosekuzzjoni u anke aktar tard mid-Difiza, Dr Joseph Saliba li huwa direttur kliniku responsabbli ghat-tmexxija ta’ l-Isptar, cioe’ ghat-tmexxija klinika u ghal protocols li joperaw gewwa l-Isptar Monte Carmeli.

Mill-file klinku xehed, pero mhux ghax kien jaf b’mod dirett, illi l-mejjet kien imqieghed fuq ordni ta’ Level One

Supervision. Dan ghalih kien ifisser illi l-pazjent kien qieghed jinkwetahom u li dehrilhom li kellu bzonn nurse mieghu l-hin kollu. Ikkonferma, ghalkemm dan ma kienx jafu di xjenza proprja, illi l-mejjet kellu scratch marks fuq il-polz tax-xellug. Ikkonferma illi l-pazjent kien taht Supervision Level One ma' Anthony Calleja. Spjega (fl-Inkjesta folio 43) illi meta pazjent ikun Level One Supervision, id-detail tan-nurse jkun illi jzomm il-pazjent 'at arms' length'. Qal illi meta pazjent ikun it-toilet, in-nurse bhala dover suppost izommu konstamentement taht l-attenzjoni tieghu, "Irid ikun qieghed jarah ukoll. Irid ikun vicin tieghu ghaliex dan il-pazjent ghandu problema peress illi jista' jkun ta' periklu ghalih innifsu." (folio 44).

In kontro ezami spjega illi l-protocol applikabbli kien dak tat-12 ta' Marzu, 1999, ezebit bhala Dok JS, recte JC, folio 242 – 245. Qal ukoll illi dan kien ifisser illi meta nurse jinghata u jiehu dan l-inkarigu, cioe' ta' pazjent Level One, hu ghandu jindaga fuq l-inkarigu li nghata. Dan in-nurse ghandu jiehu responsabbilta' u nteress li jindaga d-dettalji relevanti ta' l-inkarigu li nghata. Qabel ukoll illi n-nurse in charge kellu jiffirma fuq is-Supervision Form meta jaghti pazjent hand-over f'Level One. Qabel ukoll illi l-Ward 2 hija ward difficli kwazi l-hin kollu, ghaliex hija ward problematika hafna, acute ward. Spjega li stante li kienet sala impenjattiva hafna, ta' spiss kien hemm nuqqasijiet u diffikultajiet. Ezebixxa wkoll kopja ta' l-Inkjesta Dipartimentali, li saret wara dan l-incident, Dok JS 1 folio 246 – 254.

Ikkonferma wkoll li dakinhar ta' l-incident, il-kumplament ta' l-staff fl-Level One kien milhuq.

Dr Saliba spjega "illi dan il-pazjent kien pazjent li kien jinkwetana. Kien jinkwetana mill-bidu. Baqa' jinkwetana u kien ghal din ir-raguni li hadna mizuri biex ikun hemm nurse mieghu, u mieghu biss il-hin kollu." (folio 259) Qabel illi fil-protocol gia' ezebit hemm imnizzel li nurse m'ghandux jaghmel doveri ta' Level One Supervision ghal aktar minn tlitt sieghat, qal pero li hawn il-protocol jitkellem bil-kelma 'should' mhux 'must' (folio 389). Dwar training tan-nurses qal illi dan kien jiddependi fuq l-esperjenza li

jkunu hadu mill-professjoni taghhom. Qal illi meta ghandek pazjent li hu ta’ riskju ghalih innifsu, l-skill hija wahda li zzommu taht ghajnejk. Qal illi dan ma kienx skill sofistikat. (folio 311)

Carmelo Borg Cardona, enrolled nurse gewwa Monte Carmeli, xehed illi anke hu fiz-zmien ta’ dan l-incident kien Level One ma’ pazjent iehor, certu George Mifsud. Xehed illi ra lil Richard Schembri (il-pazjent il-mejjet), iqum minn gos-sodda kemm-il darba u jmur generalment hdejn it-toilet. Xehed illi l-akkuzat dejjem kien mieghu. Qal illi qatt ma rah iqatta’ xi lizar jew jiehu xi lizar minn fuq is-sodda. Kien jaf illi Schembri kien tghallaq b’lizar. Qal illi fit-toilets gieli kienu jzommu l-lozor biex meta l-pazjenti jiehdu shower ma jizolqux fl-ilma, ghalhekk kienu jqieghdu l-lozor ma’ l-art.

Qal illi kull meta ra lill-pazjent Schembri, dejjem ra lil Calleja miexi warajh. In kontro ezami qal illi pazjent li jkun Level One huwa tali li trid toqghod mieghu ghal erbgha u ghoxrin siegha, u li ma thalliehx minn taht ghajnejk. Qal illi hu biex kiel, kien gie relieved minn nurse iehor, certu Carmelo Azzopardi.

Kevin Gafa’, psychiatric nurse gewwa l-Admission Ward gewwa Monte Carmeli, xehed dwar pazjent li ghamel suwicidju waqt li hu kien in charge tas-sala. Ghalhekk ftakar illi dan il-pazjent kien assenjat lil Anthony Calleja u ftakar ukoll illi fil-bidu l-imputat ma kienx mal-mejjet, u li ghax kien hemm nuqqas ta’ staff li Anthony Calleja gie assenjat il-pazjent Level One. Qal illi kull meta ra lil Calleja, dejjem rah wara l-mejjet. Anzi qal illi kull meta ra lill-mejjet jippassigga, ra lill-imputat warajh. Fl-Inkjesta spjega wkoll kif kien ra lill-pazjent imdendel, kif kien gie maqlugh, kif lill-istess pazjent damu circa nofs siegha jaghtuh CPR. Spjega wkoll illi minhabba lix-showers ikunu flooded ghaliex il-pazjenti jkissru l-istess showers u viti, kien ikun hemm hafna ilma ma’ l-art u ghalhekk il-lozor biex jingabar l-istess ilma. Fl-Inkjesta qal ukoll illi l-lizar imcarrat, li bicca ntuzata minn Schembri biex tghallaq, instabet hdejn il-laundry shoot. In kontro ezami qal illi kien in-nurse li kien jaghzel il-pazjent li mieghu ried jaghmel

supervision, pero fil-kaz tal-vittma, cioe' l-pazjent il-mejjet, minhabba li dan ma kienx covered, allura kif Calleja (l-imputat) gie free, kopra lill-mejjet. Ikkonferma wkoll illi meta pazjent ikun Level One, trid tintela' formola. Ikkonferma anke li jinghata handover dettaljat fuq kull pazjent mhux biss fuq dawk ta' Level One (folio 288). Qabel ukoll illi l-pazjent il-mejjet, qabel ma tqieghed Level One taht is-supervizjoni ta' Anthony Calleja, ghamel xi siegha wahdu ghax kien hemm nurse nieqes.

Ftakar ukoll illi l-pazjent kien miexi fil-kurutur u l-imputat kien miexi warajh bil-bezzun f'idejh.

Xehed ukoll enrolled nurse iehor, certu Carmelo Azzopardi.
Carmelo Azzopardi, ukoll enrolled nurse gewwa Monte Carmeli, xehed illi dakinhar ta' l-incident kellhom hafna pazjenti, anke li ra lil Richard imdendel. Kien hu li qataghlu l-lizar jew faxxa. Kif waqa' bdew jaghtuh CPR. Fl-inkjesta qal illi lil Richard kien jiftakru jippassigga fil-kurutur b'Toni warajh. Anzi jghid illi hu ra lil Tony hafna drabi wara l-pazjent. Spjega li Richard kien jidhol u jqum mis-sodda ghax kien anzjuz. Spjega wkoll illi l-ilma fit-toilets gie wara li hu qatghu lil Richard, stante li hemmhekk hemm sistema hazina u jkun hemm floodings ta' spiss. Qal ukoll illi l-lozor li kien hemm prezenti fit-toilet kienu hemm wara li grat il-mewt ta' Richard. Kien hu stess li talab biex jingiebu l-lozor biex jingabru l-ilmijiet. L-ilma kien gej mill-kanna tal-flushing. In kontro ezami qal illi hu ried anke jdahhal il-pazjent ta' Calleja fis-Seclusion Ward, dan ghax ra lill-pazjent agitat hafna. Ikkonferma illi l-pazjent tant kien agitat illi ried attenzjoni l-hin kollu.

Minn naha tieghu Sean Gatt, li jahdem bhala nursing aid gewwa Monte Carmeli xehed u ftakar illi kien ghajjatlu Kevin Gatt biex ma jhallix lill-pazjenti jidhlu. Rahom jaghtu CPR. Fl-Inkjesta xehed ukoll illi kien jaf li l-pazjent kien Level One Supervision. Sema' lil Toni Calleja jghajjat, marru jigru u sabu pazjent imdendel fit-toilet. Qal illi t-toilet kien flooded, l-ilma kien gej mit-toilet fejn tghallaq Richard. Spjega illi l-lozor mahmugin jitfghuhom fil-laundry shoot.

Qal illi kien hemm hafna lozor got-toilet biex jingabar l-ilma.

Andrew Sciberras, ukoll nurse gewwa Monte Carmeli, ukoll xehed dwar pazjent li tghallaq – tant illi ghen biex jaghtuh CPR gewwa t-toilet. Qal illi meta kien dahal ghax-xoghol kien ra lill-pazjent Schembri wahdu, peress li ma kienx hemm nurses bizzejjed. Zied illi aktar tard, kull meta rah, rah taht supervizjoni ta’ Toni Calleja.

Michael Gauci, staff nurse gewwa l-Isptar Monte Carmeli, xehed illi anke hu kien xogholu Level One ma’ pazjent meta qalulu li kien hemm incident fix-showers ghax tghallaq pazjent iehor. Fl-Inkjesta qal illi hu qatt ma ra lil Schembri wahdu, dejjem rah akkumpanjat minn Anthony Calleja. Anzi jghid illi Schembri ma raqad fl-ebda hin. Ikkonferma illi x’hin dahal hu fit-toilet ma ra l-ebda lozor.

Peter Paul Camilleri, ukoll nursing aid gewwa Monte Carmeli, xehed illi kmieni fil-ghodu, ghall-habta ta’ 3.00 – 4.00am, ghajtulu n-nurses. Meta mar jaghti l-ghajnuna kif kien mitlub, sab pazjent ma’ l-art, mejjet. Qal illi kull x’hin ra lil Calleja, rah ma’ dan il-pazjent.

Xehed anke certu Patrick Farrugia, SRN gewwa Monte Carmeli, Ward One. Spjega li dakinhar ta’ l-incident fis-sala kellu hafna xoghol, erba’ pazjenti Level One, cioe’ li kienu jinhtiegu Level One Supervision, u xi sitta fil-Level Two. Qal illi kellu sala mimlija. Sema’ l-ghajjat ghall-ghajjut. Meta dahlu fit-toilet raw lill-pazjent Schembri mdendel mit-tieqa. Tkellem dwar l-inspection window li hemm mal-bibien tat-toilets li huma kbar tlieta bi tlieta, u li hu jkollu jitla’ fuq ponut subajh biex jittawwal. Qatghuh, nizzluh, u flimkien ma’ Charles Azzopardi bdew jaghtuh is-CPR. Xehed illi kien imdendel b’bicca lizar. Dwar id-dlam fit-toilet qal illi dan kien dovut ghal nuqqas ta’ maintenance, cioe’ bozoz maqtughin. Fl-Inkjesta semma’ illi x-xoghol tan-nurses Level One jsir minn nurses li jkunu qeghdin jaghmlu overtime jew minn relievers. Xehed illi ghalkemm Schembri kellu bzonn mieghu nurse bhala Level One patient, ma kienx hemm nurses bizzejjed, ghalhekk nizzlu pazjent iehor ghal Level Two u b’hekk l-

imputat gie assenjat ma’ Schembri. Xehed illi ra lil Calleja ma’ genb Schembri, meta dan kien rieqed. Qal illi meta ra lil Schembri fil-kurutur, ra dejjem lil Calleja jsegwieh. Qal illi meta ra lil Schembri, dejjem rah man-nurse Calleja, li allura fi kliemu kien prezenti konstantement ma’ genbu. Anke hu kkonferma li l-lozor gieli jintuzaw biex jixxuttaw l-ilma fit-toilet. Ikkonferma li l-lozor wara jintefghu fil-laundry shoots, kif ukoll illi hemm setghu marru wkoll il-bicciet tal-lozor imqatta’. In kontro ezami Farrugia kkonferma li l-mejjet, minhabba nuqqas ta’ staff, ghamel siegha wahdu. Xehed ukoll illi tant Schembri kien agitat li Calleja kien anke avvicinah ghal daqshekk. Ftakar anke li Calleja ried idahhal lill-pazjent fis-Seclusion Ward, pero dan ma setax ghax din kienet mimlija. Xehed dwar il-formola li trid tghaddi bejn nurse u iehor, cioe’ fil-handing over ta’ pazjent Level One. Qabel ukoll illi meta fit-3.00am Calleja talab li jerga’ jingab it-tabib, biex anke jekk ikun hemm bzonn il-pazjent jitqieghed go Seclusion Ward, dan ma kienx ingab, pero aktar tard qal illi hawn kien biss qieghed jassumi.

Philip Camilleri, nurse iehor gewwa Mount Carmel, kien dak iz-zmien in-night nurse manager. Spjega wkoll illi xoghol Calleja kien li kull fejn imur il-pazjent ried imur mieghu, li ried joqghod ma’ genbu l-hin kollu. Xehed dan dwar ix-shortage ta’ l-staff, b’mod partikolari kif kienet dik il-gurnata li jigu koperti certa pazjenti li qeghdin Level One, tant illi biex gie kopert Schembri, pazjent iehor kellu jitnizzel Level Two. Ta’ dan qal illi l-awtoritajiet kienu ben infurmati. Fil-fatt xehed illi dakinhar kellu pazjent certu Francis Busuttil, li ghalkemm kien suppost Level One Supervision, ma kienx hekk maintained, kif jidhru fuq in-noti minnu prezentati, fil-fatt ma kellu lil hadd mieghu minhabba nuqqas ta’ staff (folio 153). Xehed illi nurse li jaghmel Level One Supervision ma jiehu ebda forma ta’ tahrig. Ftakar fuq il-formola li riedet tigi ffirmata meta pazjent ikun Level One, cioe’ ffirmata minn nurse li jkun ser jiehu responsabbilta’ tal-pazjent. Qabel ukoll illi kien hemm prattika li gieli bil-lejl in-nurse ma kienx jiehu break, ghalkemm ma kienx qed jitkellem fuq Anthony Calleja in partikolari, dan nonostante li jista’ jkun ghamel tnax-il

siegha duty Level One, dejjem ghar-raguni li ma jkunx hemm staff bizzejjed.

In difesa xehed Mario Meli bhala l-ewwel xhud. Dan hu manager nursing service gewwa Mount Carmel. Xehed dwar rapport li ghamel l-imputat (mhux mehud mix-xhud) dwar pazjent li kkonfrontah b'mod aggressiv.

Xhud iehor Victor Mifsud ukoll jahdem nurse gewwa Mount Carmel. Qal illi hu qatt ma nghata xi tahrig partikolari sabiex jaghmel Level One Superivion ma' pazjent. Qal ukoll illi Level One Supervision issir fuq bazi ta' overtime. Xehed anke dwar periklu li jezisti f'dan ix-xoghol, skond il-pazjent. Qal ukoll illi fi 23 sena, hadd qatt ma ghallmu kif jagixxi f'certi sitwazzjonijiet, anke jekk jinqalghu ncidenti fit-toilet li ghalih huwa post aktar suxxettabbli. Xehed anke dwar incident fejn ghen lil Calleja l-imputat meta l-pazjent Richard Schembri kellu hgiega f'idu u pprova jitqatta' biha. Kien Calleja li hatfu mill-ewwel.

Anthony Mifsud xehed illi kien nurse gewwa Mount Carmel (illum pensjonant). Spjega li jekk nurse jkun inkwetat bil-pazjent jista' jirreferi l-kaz lit-tabib u jissuggerilu li l-pazjent jiddahhal go Seclusion Unit. Spjega li meta nurse jiehu over pazjent f'Level One, ikun hemm firem fuq formola li jaghmel, u allura l-kontro parti tircievi hand over. Xehed dwar ir-regola ta' arms' length – dan skondtu ma kellux ifisser li nurse kellu joqghod 'at arms' length' ma' pazjent perikoluz, imma li jzomm eye contact. Dan ghaliex kif spjega dan ix-xhud ma kinitx l-intenzjoni li jwegga' xi nurse, per ezempju taqla' xi daqqa ta' sieq.

Iddeskriva dan ix-xhud lill-imputat Calleja bhala ragel gentlom, nurse ta' l-affari tieghu hafna.

Irritena in kontro ezami li at arms length qatt ma kellu jfisser li nurse jitpogga f'xi periklu. L-importanti skondtu li jkun hemm eye contact.

Michael Camilleri, xhud iehor in difesa, ukoll qal illi hu qatt ma nghata ebda tahrig biex jaghmel Level One Supervision, qal li titghallem billi tistaqsi u bl-esperjenza. Dwar pazjent illi qieghed Level One u jinhtieglu juza t-toilet, xehed illi tmur mieghu sa fejn it-toilet, jidhol it-toilet u tistennieh, cioe' ma tidholx mieghu fit-toilet. Zied illi t-toilet huwa sicur u ma kienx hemm biza' li kien ser jigri xi haga. Qal illi qatt ma kien jaf li dahlu maghhom fit-toilet. Qal illi waqt li qed tistenna lill-pazjent, tista' tisemma' jew tkellem lill-pazjent. In kontro ezami wiegeb illi l-bieb tat-toilet ma kienx jissakkar jew jinghalaq, kien bieb li jisswingja.

Publius Frendo xehed illi hu kien nursing officer gewwa Mount Carmel ghal dawn l-ahhar tnejn u ghoxrin sena circa. Dwar il-formolarju ta' Level One Supervision qal illi hu kien in charge ta' dan. Qal illi din il-formola tigi prezentata fil-bidu. Ikun in-nurse in charge mis-Sala li jipprezentaha lil min ser jiehu l-Level One. Tant illi zied illi jekk ma jkunx hemm din il-formola, ma jkunx hemm Level One Supervision, cioe' l-pazjent ghandu jkun observed bhal pazjenti ohra fis-Sala, cioe' li ma jkunx Level One Supervision (folio 379). Ghalih Level One Supervision kien jiddipendi minn fuq din il-formola. Ghalhekk la l-karta ma tkunx prezentata, il-pazjent ma jkunx taht Level One Supervision.

Xehed ukoll illi jekk pazjent li jkun taht Level One Supervision ikollu bzonn jidhol it-toilet, in-nurse ma jidholx fit-toilet mieghu, ghaliex skondtu t-toilet huwa safe u fit-tieni lok ghax huwa ta' skumdita' ghall-pazjent. Ghalhekk f'cirkostanzi bhal dawn tipprova zzomm kuntatt bid-diskors jew smiegh, anke tittawwal mill-observation window zghira. Qabel ukoll illi fit-toilet cubicles ma kienx hemm dawl. Qabel in kontro ezami li tista' tittawwal minn din it-tieqa zghira, fi kliemu b'xi mod (folio 383).

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza ticcentra dwar suwicidju ta' pazjent Schembri li kkommetta suwicidju billi tghallaq, gewwa

toilet cubicle gewwa l-Isptar Monte Carmeli meta suppost hu kien taht Supervision Level One ta' l-imputat nurse gewa l-istess Sptar.

Issa d-Difiza tellghet diversi linji difensjonali, kollha tista' tghid li jolqtu n-nuqqasijiet li jirrizultaw fit-tmexxija ta' l-Isptar imsemmi, in so far li jidher li tali Sptar bhal hafna stituzzjonijiet ohra, ibaghti minn nuqqas ta' rizorsi.

Fl-ewwel lok id-Difiza donnha minn certi mistoqsijiet minnha mposti, implikat li l-pazjent decedut fil-fatt ma kienx taht Level One Supervision - dan ghaliex il-formola ta' hand-over li ghandha tigi ffirmata minn nursing officer ghan-nurse li qieghed jiehu tali kariga ta' Level One ma gietx iffirmata. Dan fil-fatt jirrizulta mill-file mediku ezebit. Pero hija l-fehma soda ta' din il-Qorti illi mhux tali formolarju jqieghed lill-pazjent fuq tali Level One Supervision, jekk mhux u solament l-ordni tat-tabib psikjatriku li jara l-htiega ghal tali, u jordna l-istess supervizjoni. Jirrizulta fil-fatt dan, kemm mix-xhieda ta' Dr Joseph Spiteri, kif ukoll mill-istess file mediku fejn hemm imnizzel li l-pazjent kellu bzonn constant watch – Level 1 Strictly.

Mela certament il-fatt li Richard Schembri kellu jkun taht tali supervizjoni, mhix kwistjoni ta' firem bejn nurse u iehor, ghalkemm tali 'handover' hija certament desiderabbli, imma tirrizulta minn dak ordnat minn tabib psikjatriku wara ezami ta' pazjent.

Oltre dan kien jirrizulta anke mill-file mediku li dan il-pazjent kien anke pprova gia' qabel jikkommetti suwicidju billi jaqta' l-polz.

Issa jirrizulta wkoll ben car mix-xhieda tal-varji nfirmiera li xehdu f'dawn l-atti li Richard Schembri kien fil-fatt pazjent ikkunsidrat li qieghed taht Level One Supervision. Tant - u din hija lanjanza ohra tad-Difiza, illi fil-fatt minhabba nuqqas ta' staff, ghalkemm ordnat biex ikun taht Level One Supervision, Schembri qatta' l-ewwel siegha wahdu sakemm il-pazjent li kien taht l-imputat gie mnizzel ghal Level 2 u ghalhekk l-imputat gie assenjat mad-decedut.

Ghalhekk, ghalkemm kif gia' inghad, id-Difiza ghandha ragun tishaq fuq in-nuqqas ta' staff u stharrig ta' l-istess staff, dan xejn ma jnaqqas mir-responsabbilta' ta' dik li hija supervizjoni daqstant stringenti. Dan qed jinghad ukoll ghaliex anke jirrizulta illi ebda nfirmier moghti din is-supervizjoni qatt ma rcieva ebda tahrig dwarha, anzi hija l-esperjenza li tghallem f'dan il-kaz. Del resto, wiehed ghandu jiftakar ukoll, kif jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess impjegati ta' l-Isptar, li Level One Supervision kien xoghol li kien isir biss fl-overtime, allura certament dejjem a scelta tan-nurse li jaghzel li jahdem dawn is-sieghat.

Fil-mori tal-proceduri saru diversi mistoqsijet tas-sinjifikat ta' Level One Superivision, dak li nsibu bhala constant watch – gie anke ezebit il-protocol li jiddeskrivi x'ghandu jkun. Dan huwa deskritt bhala l-arms' length, bir-riskji deskritti bhala very high, sudden, impulsive, impredictable violence towards self/others (folio 243)

Illi diversi nfirmiera xehdu fuq in-nuqqas ta' tahrig ta' tali supervizjoni, b'dan illi rrizulta li l-infirmiera jitghallmu verament bl-esperjenza. L-istess infirmiera deponenti xehdu dwar l-interpretazzjoni taghhom ta' arms' length, li cioe' m'ghandhiex tkun wahda mehuda litteralment in kwantu pazjent jista' anke jwegga' lill-infirmier. Ghalhekk tali livell gie anke nterpretat bhala eye contact – cioe' li l-infirmier izomm dejjem il-pazjent taht Level One Supervision taht 'eye contact' **dejjem (enfasi tal-Qorti)**

Jirrizulta wkoll mix-xhieda dejjem ta' l-infirmiera li Richard Schembri ghamel lejl ferm disturbat, iqum u joqghod minn gos-sodda, u kontinwament jippassigga bl-imputat dejjem isegwieh, tant illi l-imputat kiel il-bezzun tieghu jsegwi lill-istess imputat jippassigga. Tant kien disturbat l-istess Schembri, illi anke jirrizulta li l-istess imputat talab anke li Schembri jitqieghed gos-Seclusion Ward. Talba din li ma jidhirx illi ttiehdet ferm bis-serjeta' kif kien denn li jigri.

Issa s-sekwenza ta' dak li gara hi wahda semplici : Schembri minn fuq is-sodda beda jqum jippassigga, xi hin dahal fit-toilet, hemm kellu c-cans li jsib lizar, iqattghu,

jorbot parti minn ma’ ghonqu, ohra ma’ pipe, jiddendel u jifga’.

Fix-xhieda moghtija mill-infirmier Michael Camilleri u Publius Frendo, hemm qbil illi Level One Supervision, qatt ma jinnecessita’ li nfirmier sahansitra jidhol fit-toilet mal-pazjent, basta li jzomm kuntatt bis-smiegh jew viziv tal-pazjent, anke ghax il-bibien tat-toilet cubicles ma kinux jinghalqu, pero kellhom viewing window zghira. Kien hemm anke lment dwar il-fatt illi fit-toilets qajla kien hemm dawl minhabba hsarat fil-bozoz jew qtugh fl-istess.

Kwistjoni ohra li tibqa’ misteru hi minn fejn gab il-lizar Schembri. Ma rrizultax li ha tieghu minn fuq is-sodda jew minn fuq xi sodda ohra. Jirrizulta pero li t-toilets minhabba l-ilma li kien ikun hemm ma’ l-art, gieli kienu jigu koperti bil-lozor biex jingabar l-ilma, b’hekk il-pazjenti ma jizolqux.

Ingab minn fejn ingab il-lizar, li bih tghallaq Schembri, Schembri kellu dak ic-cans kollu li jqatta’ lizar min nofs, u kif gie hawn fuq ritenut, jitghallaq bih – dan meta kien suppost qieghed juza t-toilet. Ma tistax ma tistaqsix il-Qorti hawn, allura l-imputat li suppost qed izomm ‘constant watch – arms’ length – eye contact’, ma’ dan il-pazjent, f’dan il-hin fejn kien?!

Id-Difiza anke argumentat illi Calleja qatt ma jista’ jinstab hati taht l-Artikolu 205 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghax ma kiser ebda regolament, fil-fatt Calleja kiser ir-regolamenti stabbiliti fil-protocol hawn fuq imsemmi ta’ Level One Supervision, stante li fil-fatt tilef dak l-eye control, arms’ length, u constant watch li kellu jkollu fuq l-imputat, ghax kieku anke lahaq lill-imputat haj. Wiehed ghandu jiftakar illi meta l-pazjent inqala’, gie moghti CPR (cardiac pulmonary respiration) ghal nofs siegha – ghal xejn.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, tqis illi minn naha ta’ l-imputat certament kien hemm negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti.

Ghalhekk tqisu hati tar-reat taht l-Artikolu 225, u in vista' ta' l-impjieg tieghu, anke ai termini ta' l-Artikolu 141, ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Anthony Calleja gie anke akkuzat bir-reat taht l-Artikolu 141, pero harsa lejn ix-xhieda tieghu moghtija fl-Inkjesta, jghid, fejn ghazel illi jirrispondi, li verament hu ma dahalx fit-toilet mal-pazjent u li kien qed jistenna hdejn il-bieb tal-kuritur u li verament ghalhekk ma zammx lill-pazjent taht 'constant watch', allura sakemm kien got-toilet. Frankament ghalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem fejn huwa gideb, barra illi qal dak li qal, kellu kull dritt anke li ma jirrispondix, kif del resto kellu kull dritt li ma jaghti ebda spjegazzjoni taht gurament, ghaldaqstant qieghda tilliberah mill-effetti ta' dan ir-reat.

Dwar il-piena, rat il-fedina penali ta' l-imputat, semghet ukoll illi l-imputat kien solitament infirmier diligenti u li qatt ma ta jew kellu xi problemi, u ghalhekk tqis illi m'ghandux ibaghti piena karcerarja effettiva – ghalhekk tapplika l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ghal sena(1) habs sospiza ghal sentejn(2).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------